- *Relazzjoni ġuridika bejn il-passiġġier u l-provditur tas-servizz tal-ġarr*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 14 ta' Mejju 2019.**

**Rikors Nru. 656/2014GM**

**HELEN VELLA**

**V**

**MALTA PUBLIC TRANSPORT SERVICES (OPERATIONS) LIMITED (C48875) U B'DIGRIET TAL-24 TA' ĠUNJU 2015 ĠIE MSEJJAĦ FIL-KAWŻA DOMINIC CUTAJAR**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Helen Vella fil-25 ta' Lulju 2014 illi wara li ppremettiet illi:

1. nhar it-23 ta' Diċembru 2013, hi kienet riekba bħala passiġġiera fuq karozza tal-linja bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS021 opertata mis-soċjeta intimata li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala Arriva Malta Limited.

2. il-karozza tal-linja, għall-ħabta tad-9.30am filwaqt li kienet qed tistrada minn Triq L-Arżnu, Magħtab, ħabtet ġo residenza ossija razzett.

3. l-inċident ġara unikament minħabba t-tort, traskuraġni, imprudenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tax-xufier impjegat mal-konvenuta.

4. l-attriċi sofriet ġrieħi gravi fuq il-persuna tagħha li wasslu għal diżabilita permanenti;

Talbet lil din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuta responsabbli għal-kolliżjoni tat-3 ta' Diċembru 2013 u għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti minnha, tillikwida tali danni u tikkundanna lis-soċjeta` intimata tħallas id-danni hekk likwidati.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuta Malta Public Transport tad-9 ta' Settembru 2014 fejn laqgħet għat-talbiet attriċi billi eċċepixxiet illi:

1. m'hijiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna.

2. l-attriċi trid tipprova d-danni realment subiti minnha.

3. s-soċjeta` assiguratriċi Middlesea Insurance plc tal-vettura BUS021 propjeta` tal-intimata, kienet lesta illi taċċetta l-*claim* rigwardanti l-inċident dment illi l-istess attriċi tipprovdi evidenza tad-danni realment subiti minnha lis-soċjeta assiguratrici u dan stante illi r-responsabilita' għall-inċident in kwistjoni mhijiex qed tiġi kontestata mill-istess Middlesea Insurance plc.

4. in segwitu għall-ittra uffiċċjali bin-numru 160/14 datata l-20 ta' Jannar 2014, l-istess soċjeta assiguratriċi, u cjoe' Middlesea Insurance plc, kienet bagħtet ittra datata s-27 ta' Jannar 2014 lill-avukat tal-attriċi fejn talbu dettalji fuq il-*claim* tal-attriċi sabiex tkun tista' tipproċessaha iżda minkejja korrispondenza oħra bejn il-partijiet, l-attriċi baqgħet ma ppreżentatax id-dokumenti necessarji sabiex jintlaħaq ftehim dwar il-*quantum* tad-danni rikjesti.

6. għal din ir-raġuni l-intimata m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż tal-kawza odjerna jew interessi stante illi l-kawża odjerna ġiet ppreżentata mingħajr ma ingħatat ebda opportrunita' tramite l-assigurazzjoni tal-vettura, sabiex jintlaħaq ftehim bonarju u jiġu evitati spejjeż inutli;

Rat id-degriet tagħha (diversament preseduta) tat-18 ta' Frar, 2015 , li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpanija mħarrka dwar jekk hijiex il-leġittimu kontradittur;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2015, (diversament preseduta) li bih ordnat is-sejħa fil-kawża ta' Dominic Cutajar;

Rat ir-risposta maħlufa tal-kjamat fil-kawża Dominic Cutajar preżentata fit-8 ta' Jannar 2016 fejn eċċepixxa illi:

1. preliminarjament l-azzjoni attriċi hija preskritta fil-konfront tiegħu ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

2. fl-istess via preliminari huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur, anke il-għaliex is-soċjeta' imħarrka hija koperta b'polza ta' assikurazzjoni fit-termini tal-artikolu 4 tal-Kap 104 tal-Liġjiet ta' Malta;

3. fil-mertu u bla preġudizzju għal-premess, l-esponenti ma kkommetta l-ebda vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover skond il-liġi u f'kull każ huwa saq ix-

xarabank in kwistjoni bi prudenza u b'diliġenza, kif ukoll osserva sew ir-regolamenti tat-traffiku kif ser jiġi pruvat;

4. finalment u assolutament bla ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq imressqa, l-attriċi għandha ġġib prova ċara u inekwivoka ta' kull telf attwali u/jew futura minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali;

Rat id-digriet tagħha (diversament preseduta) tat-3 ta' Frar, 2016, li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpanija mħarrka u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imsejjaħ fil-kawża dwar jekk humiex il-leġittimu kontradittur;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digriet tagħha (diversament preseduta) tal-5 ta' April, 2016, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kumpanija konvenuta qed targumenta illi ma tistax tinstab responsabbli għal dan l-inċident għaliex azzjoni bħal din trid tinfetaħ kontra min ikun ikkawża d-dannu a bażi tal-Artiklu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li kull wieħed għandu jwieġeb għal-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Il-kumpanija konvenuta tkompli targumenta illi bħala persuna ġuridika ma tistax tinstab responsabbli li kkawżat kolliżjoni jew li ma segwitx ir-regolamenti tat-traffiku. Huwa biss ix-xufier tagħha

li seta' jsuq ħażin, u mhux hi. Tgħid illi l-fatt waħdu li hija l-prinċipal tax-xufier mhuwiex biżżejjed biex tinsab responsabilita` minn naħa tagħha;

Illi minn naħa l-oħra, l-imsejjaħ fil-kawża jargumenta illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u allura fejn hemm polza ta' assikurazzjoni, l-attriċi kellha kull jedd dirett għal-azzjoni kontra l-assiguratur awtorizzat. Peress illi s-soċjeta assikurattriċi qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni, kienet aċċettat ir-responsabilita` tal-aċċident u kienet anke lesta tilħaq ftehim barra l-Qorti - għalkemm sfortunatament dan ma sarx, l-attriċi kellha għalhekk tipproċedi direttament kontra s-soċjeta` attriċi u mhux tħarrek inutilment partijiet oħra;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attriċi oriġinarjament ħarrket lill-kumpanija konvenuta, ġja` operatriċi ta' servizz ta' trasport pubbliku permezz tax-xarbanks, għad-danni allegatament sofferti minnha tort tas-sewqan ħażin ta' xufier impjegat tagħha. Iktar tard ix-xufier – Dominic Cutajar – ġie msejjaħ fil-kawża. Kemm il-konvenuta (permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha) kif ukoll l-imsejjaħ fil-kawża (permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu) isostnu li m'humiex leġittimi kontradditturi;

Illi s-soċjeta` konvenuta tissottometti li ma tista' qatt tiġi kkundannata għal inċident li l-attriċi qed tallega li seħħ minħabba traskuraġni da parti ta' xufier impjegat magħha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kulpa *in eligendo* jew *in vigilando*. Il-Qorti ma taqbilx, in kwantu dawn it-tipi ta' kulpa jistgħu iseħħu biss f'kuntest extra-kuntrattwali jew *aquiliana.* Ġaladarba l-attriċi kienet passiġġiera, kien hemm kuntratt mal-attriċi li permezz tiegħu obbligat ruħha li tipprovdilha servizz sigur.

Din l-obbligazzjoni kuntrattwali tissussisti independentement mill-ħila o meno tal-impjegati tagħha;

Illi l-imsejjaħ fil-kawża jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu "anke għaliex is-soċjeta` mħarrka hija koperta b'polza tal-assikurazzjoni fit-termini tal-Art. 4 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta". Iżda l-jedd li l-vittma tħarrek direttament lis-soċjeta` assikuratriċi ma jeskludilhiex il-jedd li tħarrek lis-sewwieq, anke jekk jirriżulta, kif jallega x-xufier, li s-soċjeta` attriċi kienet lesta "to entertain the claim". Jekk il-kawża saret intempestivament (il-Qorti tagħmilha ċara iżda li s'issa dan ma tirriżultax) ikun hemm lok għal provvedimenti oħra, iżda mhux għan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika li hemm bejn sewwieq ta' vettura u passiġġier riekba miegħu;

Illi għalhekk jirriżulta li hemm relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi, il-konvenuta, u l-imsejjaħ fil-kawża. Naturalment dan ma jfisser bl-ebda mod li t-talbiet tal-attriċi kontrihom fil-mertu huma ġġustifikati;

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpanija mħarrka u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imsejjaħ fil-kawża u tordna t-tkomplija tal-kawża.

Spejjeż ta' din is-sentenza a kariku tal-konvenuta u tal-imsejjaħ fil-kawża nofs bin-nofs kull wieħed.

ONOR GRAZIO MERCIECA
IMĦALLEF